MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1536/1999/1

**Mario Mifsud**

**vs**

**Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti,**

Fil-25 t'Ottubru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal-hlas tas-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm530.61) in linea ta' danni kawzati minnu fl-incident li sehh fis-6 ta' Gunju 1999, gewwa Triq San Pietru, Hal Kirkop, bejn il-vettura tal-ghamla Cortina, Numru ta' Registrazzjoni CAI 771 misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-ghamla Diahatsu

Charmant, Numru ta’ Registrazzjoni HAO 117 misjuqa mil-klijent tal-attur, u dana stante illi l-konvenut unikament responsabbli ghall-imsemmi incident.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-31 ta’ Awissu 1999 u bl-imghaxijiet kontra il- konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident sehh tort unikament ta’ l-istess attur;

2 L-incident sehh meta l-attur ghamel manuvra perikoluza billi saq il-karrozza numru HAO 117 b’manjiera traskurata, negligenti u b’nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku;

3 L-manuvra perikoluza kienet tikkonsisti billi qabez il-vettura numru CAI 771 misjuqa mill-konvenut u waqqaf hesrem quddiem l-istess vettura b’mod li mblokka l-karreggjata u ma tax opportunita lill-konvenut jieqaf;

4 Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur pprezentata fil-15 ta’ Jannar 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mod kif grat il-kollizzjoni bejn il-vetturi tal-kontendenti, l-partijiet jaghtu verzjonijiet opposti. Filwaqt illi l-attur isostni illi l-konvenut kien qieghed isuq warajh u dahal go fih apposta fuq wara, il-konvenut isostni

li kien l-attur illi ssorpassah fit-triq, dahal quddiemu u waqaf f'daqqa u ma tahx cans li jiehu azzjoni evasiva bil-konsegwenza li habat mieghu.

Ghalhekk dak li jirrizulta li fuqu jaqblu l-partijiet huwa l-fatt illi kienet il-vettura tal-attur li fil-fatt giet investita mill-vetura tal-konvenut li giet minn warajha.

Ghalhekk jispetta lill-konvenut illi jipprova illi kienet effettivament il-manuvra tal-attur illi pprovokat l-incident u waslet biex il-konvenut stess jahbat mieghu fuq wara.

Mic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jirrizulta xejn illi jista' jaghti xi kredibilita' iktar lill-verzjoni tal-konvenut min dik tal-attur, anzi tirrizulta cirkostanza wahda li effettivament taghti kredibilita lill-verzjoni tal-attur iktar minn dik tal-konvenut u twassal lill-Qorti li taccetta l-verzjoni moghtija mill-attur.

Infatti, ghalkemm fid-deposizzjoni taghhom il-konvenut u ibnu, Richard isostnu illi, malli ghamel il-manuvra allegatament ta' sorpass l-attur saq u telaq minn fuq il-post, PS184 Silvio Cacciattolo iddikjara bil-gurament illi meta rceva telefonata dwar l-incident u mar jinvestiga fuq il-post sab karrozza wahda biss, cioe dik ta' l-attur, u prezenti kien hemm biss l-attur u martu.

Mid-deposizzjoni ta' PS 184 Silvio Cacciattolo jirrizulta li kien effettivament il-konvenut Carmelo Mifsud illi ma baqax fuq il-post tal-incident.

Ghaldaqstant issib illi l-verzjoni attrici biss ghandha tigi emmnuta w il-Qorti qeghdha, ghalhekk, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk ghandu jkun il-konvenut li jirrispondi ghad-danni kollha kkagunati fil-vettura tal-attur.

Mid-deposizzjoni tieghu u mid-dokumenti esibiti s-somma mitluba ta'  Lm530.61 (hames mija u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi) jinsabu ampjament ippruvati u ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tillikwida d-danni totali li sofra l-attur fis-somma ta' Lm530.61 (hames mija u tletin

lira Maltin u wiehed u sittin centezmi) u ghalhekk qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma ta’ Lm530.61 (hames mija u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz lill-attur bl-imghax legali b’effett mit-22 t’Ottubru 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut b’dawn l-aggravji:-

1. l-ewwel Qorti zbaljat meta mponiet fuqu l-oneru tal-prova meta din kienet tispetta lill-attur;
2. l-ewwel Qorti fehmet hazin il-verzjoni moghtija minnu;
3. l-ewwel Qorti injorat il-kontradizzjonijiet multipli li waqa’ fihom l-attur;
4. l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta accettat bhala prova tad-dannu dokumenti li ma jikkostitwux prova skond il-ligi.

Huwa ben car minn dawn l-aggravji illi l-appellant qed jikkontesta l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti. Apprezzament li jista’ jigi biss disturbat minn din il-Qorti ta’ revizjoni jekk jirrizultalha, b’konvinzjoni, illi altrimenti tkun ser tigi kagunata ngustizzja manifesta.

Issa huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap 12.

Tajjeb f’dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju tal-oneru tal-provi ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b’dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu utilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verita`

xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.

Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu.

Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficcjenti jew insodisfacenti.

Fil-kaz prezenti l-konvenut ma illimitax ruhu ghall-eccezzjoni generika kontenuta fl-ewwel eccezzjoni izda permezz tat-tieni wahda allega li kien l-attur li saq b'manjiera perikoluza, traskurata, negligenti u b'nuqqas tal-osservanza tar-regolamenti stradali.

Jidher ghalhekk li fir-rigward, b'applikazzjoni tal-principji appena affermati, l-parti razzjonali tas-sentenza appellata, li fuqha hu bazat id-dispositiv, giet korrettement koncepita. Proprju ghall-argument kontenut fir-rikors tal-appell u sottomess fid-dibattitu orali, jirrispondi sew il-konsiderazzjoni zvolta fl-ewwel sentenza illi kien jispetta lill-konvenut li jipprova illi kienet effetivament il-manuvra tal-attur li pprovokat l-incident u waslet biex il-konvenut jahbat fih fuq wara.

Bhall-ewwel Qorti, mill-korp tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hi tal-fehma illi dawn ma jissuffragawx l-allegazzjoni centrali tal-konvenut ta' kif sehh l-incident. Dan anke bl-adezjoni tal-kriterju tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-

konsistenza u verosimiljanza, li kif evidenzjat fis-sentenza appellata, jidher li nducew lill-ewwel Qorti tiskarta l-verzjoni tal-konvenut.

Din il-Qorti ma tistax lanqas, imbaghad, taccetta l-ebda wiehed mill-argomenti sforzati tal-appellanti mibnija fuq mera supposizzjoni ta' fatt jew fantastikament krejati fit-tentattiv li jaghtu risalt lill-allegazzjoni ta' 'messa in scena' u attribuzzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz da parti tal-attur appellat. Certu ghazla ta' kliem razenti d-dolo mhux biss ma jistghax jircievi l-attenzjoni ta' din il-Qorti izda l-argomenti hekk koncepiti lanqas ma jistghu jircevu aditu jew indulgenza. Dan ukoll ghar-raguni semplici illi Qorti ghandha tokkupa ruhha biss mill-provi in atti u mhux minn provi rikavati minn pura fantasija li mill-atti ma jirrizultawx jew huma, imbaghad, riprodotti b'mod ghal kollox konfliggenti mal-provi reali. Hekk ad exemplum ma huwiex minnu illi l-pulizija, li nvestiga l-incident, xehed illi meta mar fuq il-post ma sab l-ebda tracci. Kull ma qal PS 184 Silvio Cacciattolo (fol 39) kien li hu ma kienx jiftakar jekk innutax dawn it-tracci. Dan hu ben divers mill-asserzjoni tal-appellant illi ma sab l-ebda tracci.

Bl-istess mod l-appellant jittanta jiddiskredita d-dokumenti in sostenn tad-danni billi jallega fatti li huma ghal kollox assenti mill-atti. Dan riferibilment ghall-eta` tal-vettura tal-attur jew x'konkluzjoni teknika kien seta' jasal ghaliha surveyor kieku ezamina l-car tal-attur. Gjaladarba l-ebda espert ma gie inkarigat, il-Qorti ma tistax taccetta bhala prova valevoli dak ritenut mill-appellant fil-korp tal-appell tieghu. Kien jispetta lill-appellant illi jikkonduci sew u b'mod adegwat id-difiza tieghu. Huwa ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti jew din il-Qorti taghmel minfloku l-prova li d-danni huma esagerati. L-ommissjoni tieghu jew l-insufficcjenza tad-difiza mhiex gustifikazzjoni, u l-Qorti jkollha, f'cirkostanzi konsimili, taqa' fuq l-adozzjoni tal-principju "iuxta allegata et probata".

Fl-assjem taghhom il-provi jsostnu t-tezi attrici u gjaladarba huma korrettement evalwati fis-sentenza appellata, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel

Qorti in kwantu din kienet bizzejjed biex tirrisolvi l-vertenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------